Life Network Malta
ENDORSING VALUE TO EVERY LIFE

Il-Ġimgħa 11 ta' Ġunju, 2021

Għażiż Membru tal-Parlament Ewropew,

Qegħdin niktbulek f'isem il-Fondazzjoni *Life Network Malta*, fondazzjoni li taħdem sabiex il-ħajja ta' kull kreatura umana tkun protetta matul il-ħajja kollha tiegħu jew tagħha.

Kif taf, fit-23 ta' Ġunju, l-Parlament Ewropew sejjer jivvota fuq l-hekk imsejjaħ Rapport Matic, propost mill-Kumitat tan-Nisa.

Dan ir-rapport huwa edizzjoni ġdida tar-Rapport Estrela li fl-2013 kien ippropona l-abort bħala dritt fundamentali tal-bniedem. Il-Parlament dakinhar ġustament irriġetta dak ir-Rapport, l-aktar abbażi tal-prinċipju tas-sussidjarjetà peress li materji relatati mal-abort huma mħollija, skont it-Trattati, f'idejn u fil-ġuriżdizzjoni esklussiva tal-Istati Membri.

Issa għandna edizzjoni ġdida - Ir-Rapport Matic. Din id-darba ir-Rapport mhux biss isejjaħ l-hekk imsemmi dritt għall-abort bħala dritt tal-bniedem; iżda wkoll fih talba urġenti lill-Istati Membri sabiex jassiguraw li l-għaqdiet favur il-ħajja ma jitħallewx iktar jipprovdu informazzjoni u edukazzjoni f'pajjiżhom u li l-edukazzjoni dwar is-sess issir obbligatorja fl-iskejjel primarji sabiex b'hekk issegwi l-linji gwida tal-WHO.

Ir-Rapport jirrakkomanda finanzjament mill-Istat għall-abort kif ukoll li jitneħħa d-dritt li professjonista jkun jista' jeżenta ruħu minn xi proċedura jew trattament minħabba oġġezzjoni ta' kuxjenza rigward it-terminazzjoni ta' tqala.

L-oġġezzjonijiet ewlenin tagħna bħala fondazzjoni favur il-ħajja huma dawn li ġejjin:

- L-abort bħala suġġett ma hux parti mill-politika komuni Ewropea u huwa mħolli fir-responsabbilita' tal-Istati Membri.
- Ir-Rapport għalhekk jikser il-prinċipju tas-sussidjarjetà li jieħu inkosiderazzjoni partikolarment il-valuri morali tal-poplu ta' pajjiż.
- Is-soċjetà f'pajjiż għandha jkollha d-dritt li tiddiskuti u tiddeċiedi għaliha kif dawk il-valuri jieħdu l-forma ta' liġijiet - u hemm il-Parlamenti Nazzjonali għal dan il-għan. Barra minn hekk

fil-każ ta' Malta kien ġie nkluż Protokoll fit-Trattat ta' Adezjoni, fis-sens li materji marbuta mal-abort jiġu dejjem deċiżi mill-poplu Malti u minn ħadd iżjed.

- Il-ksur tal-prinċipju tas-sussidjarjetà f'materja fejn jipprevalu fehmiet differenti, meta miljuni ta' persuni jgħożżu d-dritt tal-ħajja tat-tarbija mhux imwielda, jagħti lok għal ewroxettiċiżmu fis-sens li din il-materja tiġi użata bħala eżempju ta' kemm l-istituzzjonijiet Ewropej jindaħlu bla bżonn fid-deċiżjonijiet u attivitaijiet tal-Istati Membri.

- Il-proposta li tiġi ristretta l-libertà tal-kuxejnza fuq materja daqshekk delikata hija ħaġa serja li tista' toħloq preċedent f'oqsma oħra ta' attivita' fejn hemm imdaħħla l-kuxjenza. L-annulament ta' dan id-dritt b'ordni arbitrarja mill-Unjoni Ewropea fuq materja daqshekk bażika twassal għal iktar sfiduċja fl-Unjoni u fil-politika.

- Ir-raġunament wara r-Rapport, li igħid li l-għaqdiet favur il-ħajja huma theddida għad-dritt tal-ħajja għax ixerrdu "informazzjoni falza" u jsegwu "għanijiet nazzjonalistiċi", huwa inġurjuż u diskiminatorju.

- Il-Qorti Ewropeja tal-Ġustizzja f'deċiżjoni tat-18 t'Ottubru 2010 fil-każ *Oliver Brustle v. Greenpeace e.V* qalet li mill-mument tat-tnissil, l-embrijun huwa ħlejqa umana li għandha titħares – din hija eżattament il-pożizzjoni tal-għaqdiet favur il-ħajja li jemmnu f'din il-protezzjoni.

- Ir-Rapport jimpinġi fuq il-libertà tal-espressjoni, dik tal-kuxjenza u l-libertà reliġjuża u fuq kollox fuq id-dritt tal-ħajja tal-persuni kollha.

Aħna għalhekk bir-rispett kollu, nappellawlek sabiex teżerċita d-dritt tiegħek li tivvota kontra l-adozzjoni ta' dan ir-Rapport. In vista tal-fatt li l-maġġoranza kbira tal-Maltin huma kontra li l-abort jitqies bħala dritt fundamentali tal-bniedem, huwa sewwa u xieraq li inti tesprimi d-diżapprovazzjoni u t-tħassib tiegħek meta r-Rapprt jitressaq għall-votazzjoni mill-Parlament Ewropew

Aħna qegħdin għad-dispożizzjoni tiegħek għal kull mistoqsija li trid tagħmel jew informazjzoni li inti tkun tixtieq minn għandna.

Inselli ghalik,

M Sciberras

**Dr. Miriam Sciberras BChD (Hons) MA Bioethics**
Chairman | Life Network Foundation Malta

**M**: +356 9944 6174
**E**: chairman@lifenetwork.eu
**W**: www.lifenetwork.eu